# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Barry John Grant**

**Kumpilazzjoni Numru: 201/17**

**Illum, 2 ta' Mejju 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Barry John Grant detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 149703L.

Akkuzat talli fis-27 ta' Marzu 2015 u/jew fil-jiem ta' qabel, mill-Marsa Sports Ground, il-Marsa u f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq minn gewwa vending machine, liema serq huwa aggravat bil-mezz b'detriment ghal-kumpannija N.M. Arrigo u/jew persuni ohra.

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara volontarja fuq vending machine liema ammont tal-hsara ma jiskorrix l-mija u sittax -il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) ghad-detriment ta' N.M. Arrigo u/jew persuni ohra.

U aktar talli b'hekk sar recidiv a terminu ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat jhallas l-ispejjez li

ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u talab li jithejja Pre Sentencing Report minn Probation Officer;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 2 ta' Mejju elfejn u sbatax (2017) li biha ta l-kunsens li dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat il-fedina tal-imputat;

Rat ir-rapport tal-ufficjal tal-Probation Charisse Boffa datat 18 ta' Frar elfejn u dsatax (2019) fejn gew elenkati il-konkluzjonijiet hemm maghmula u cioe':-

*Fatturi Identifikati*

- ***Matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport gew identifikati diversi fatturi li qed jitfghu impatt fuq Barry John Grant. Harsa***

*lejn il-fedina penali turi li hemm drabi ohra fejn Barry kien involut mal-Qorti, fejn il-maggoranza tal-kazijiet huma relatati ma' serq. L-imputat skonta wkoll sentenzi karcerarji u nghata diversi ordnijiet fil-komunita'.*

- *Mill-informazzjoni migbura jidher li ghalkemm il-genituri infirdu meta kien ghadu ta' eta' zghira, huwa xorta nghata trobbija tajba minn ommu. Jidher li din ir-relazzjoni ghadha b'sahhitha sal-gurnata tal-lum, filwaqt li il-missieru ma jiftakrux u qatt ma kellu kuntatt mieghu. L-imputat jidher ukoll li ghandu relazzjoni tajba ma' hutu u jsib sapport minghandhom.*

- *Barry huwa missier ta' zewgt itfal minn relazzjoni li kellu fil-passat izda spiccat minhabba n-nuqqas ta' qbil bejn il-koppja. Jidher li Barry m'ghadx ghandu kuntatt ma' wliedu u ghalkemm prova jerga' jikseb komunikazzjoni, dan ma rnexxielux.*

- *Fuq aspett ta' xoghol, fil-passat l-imsemmi hadem f'diversi xogholijiet sas-sena 2010, izda minn dik is-sena 'l quddiem m'ghandu l-ebda xoghol registrat. (Ara Dok. Rekords*

*Jobsplus) Grant sostna li wara li gie rilaxxat mill-Isptar Monte Karmeli f'Novembru 2018 huwa beda jahdem bhala gypsum layer mal-kumpanija ta' huh imsemmija Grant Tile Layers. Dan ix-xoghol huwa fuq bazi full-time u qieghed jahdem bhala sel-employed.*

- *Aspett iehor li gie nnutat, huwa rigward l-uzu tad-droga. Barry beda jabbuza mis-sustanzi illeciti minn meta kellu sebgha u ghoxrin sena. Jidher li l-abbuz beda wara li hassar minn relazzjoni li kellu u hadha bi kbira. Huwa kien jabbuza mis-sustanzi tal-kannabis, kokaina, eroina, kif ukoll esperimenta b'diversi tipi differenti ta' drogi. Bejn is-sena 2015 u 2016, Barry kien jinsab mizmum gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin fuq sentenza ta' prigunerija u met agie rilaxxat, huwa ddecieda li jidhol ghall-programm tar-riabilitazzjoni gewwa l-Komunita' Santa Marija fi hdan l-Agenzija Sedqa.*

- *Ghalkemm il-programm ma tlestiex sal-ahhar, Barry sahaq li wara dan ma regax mess mad-droga. Minkejja dan, Barry ammetta li l-uzu tal-kannabis ma waqafx. Jidher li ghalkemm*

*ma jaghmilx uzu b'mod regolari, huwa ma jarahiex bhala problema li qed taffettwah b'mod negattiv.*

- *F'Gunju 2018 l-imputat rega' beda jaghmel uzu minn sustanzi illeciti u anke kellu overdose fejn spicca l-isptar u ghamel perjodu qasir gewwa l-isptar Monte Karmeli. Bejn Lulju u Awwissu 2018 huwa zamm kuntatt mal-Ufficjal tal-Probation izda ftit wara rega' beda jhawwad. Barry ghal darb'ohra dahal l-isptar Monte Karmeli ghall-kura u baqa' hemm sa Novembru 2018. Meta waqqaf il-methadone u kien qieghed ihossu ahjar mar jghix ghand ommu fit-23 ta' Novembru 2018 fejn ghadu jirrisjedu sal-prezent.*

- *Bhala pjan, Barry kien iddiskuta mal-keyworker tieghu Nancy Portelli li tahdem fi hdan l-Agenzija Sedqa li huwa kellu hsieb li jaghmel zmien l-Assessment and Stabilisation Unit u wara jibda programm residenzjali. Izda l-ikkoncernat ma zammx ma' dan il-pjan peress illi jhoss li m'ghadx ghandu bzonn di kit-tip ta' ghajnuna. Minn kuntatt li sar mal-istess keyworker jidher li Barry ma zammx mal-pjan u anke' hassar hafna mill-appuntamenti li kellu maghha gewwa l-Agenzija Sedqa. Huwa attenda biss appuntament wiehed f'Dicembru 2018, fuq hekk*

*Barry jsostni li ma jhossx li ghandu bzonn ghajnuna f'dan il-punt peress illi miexi tajjeb u jkun hafna okkupat bix-xoghol tieghu.*

- *Fuq aspett ta' prdnijiet mad-Dipartiment tal-Probation u l-Parole, l-Ufficjal tal-Probation Donnalise Camilleri kienet qed issegwi lil Barry John Grant fuq zewg Ordnijiet tal-Probation li nghataw nhar it-13 ta' Jannar 2017, ghall-perjodu ta' tliet snin u liema sentenzi nghataw mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D. fuq zewg kazijiet ta' sewqan bl-addocc taht l-effett ta' xi sustanza fejn ikkaguna hsara ta' diversi naturi lil erba' persuni. Mill-bidu tal-Ordnijiet tal-Probation, l-attendenza tal-imputat dejjem kienet wahda regolari. Dejjem baqa' jaghmel uzu mill-kannabis u qatt ma wera motivazzjoni jew xewqa biex iwaqqaf dan l-uzu.*

- *F'Novembru 2018 il-kazijiet ta' Barry John Grant gew trasferiti lill-Ufficjal tal-Probation Charisse Boffa minhabba li Donnalise Camilleri waqfet b'mod temporanju mix-xoghol taghha. F'dan il-punt jidher li rega' qabad it-triq it-tajba u qed jghix hajja stabbli. Minkejja dan l-Ufficjal tal-Probation thoss li huwa waqqaf l-ghajnuna u l-kuntatt mal-Agenzija*

*Sedqa wisq hesrem specjalment meta wiehed iqis li kemm -il darba kellu relapse fis-sena 2018.*

*Pjan ta' Kura*

*Mill-informazzjoni migbura ghal dan ir-rapport jirrizulta li Barry igawdi minn sapport minn dawk ta' madwaru, kif ukoll jixtieq li jkollu hajja aktar stabbli u jimxi 'l quddiem mill-hajja kaotika li kellu fil-passat. Jidher ukoll li ghalkemm Barry ilu xhur wieqaf mill-abbuz tad-droga, meta huwa jsib lilu nnifsu f'sitwazzjoni difficli, jibqa' riskju li jirrikorri ghad-droga. Ghaldaqstant, jinhass il-bzonn li jkun f'kuntatt ma' agenzija li toffri s-servizz ta' riabilitazzjoni kontra d-droga.*

*Rakkomandazzjoni*

*Ghaldaqstant, fid-dawl tal-informazzjoni migbura ghall-fini ta' dan ir-rapport, qieghed jigi umilment rakkomandat li din l-Onorabbli Qorti sabiex Barry John Grant jinghata Ordni ta' Probation skont l-Artiklu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Qed ikun issuggerit ukoll li wahda mill-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni*

*tkun li l-imputat jiehu l-ghajnuna necessarja fir-rigward tal-abbuz mid-droga.*

Rat illi din il-Qorti ikkoncediet zmien ulterjuri sabiex l-imputat ikun jigi sorveljat mill-Ufficjal tal-Probation taht Ordni ta' Supervizjoni Temporanja;

Illi tenut kont ta' dak li ntqal hawn fuq thoss illi jekk taghti piena karcerarja fuq l-imputat, ix-xoghol kollu siewi maghmul mill-Ufficjal tal-Probation ikun sewa ta' xejn. Illi l-imputat ghandu numru ta' affarijiet xi jrid jindirizza fosthom l-uzu tad-droga u l-aspetti familjari tieghu inkluz in-nuqqas ta' prezenza ta' missier u n-nuqqas tieghu li jkun missier ghat-tfal tieghu. Dan wassal sabiex l-imputat ihossu repress u mdejjaq u certament dawn il-fatturi jgieghluh ikompli l-uzu tad-droga minn zmien ghal zmien kif ukoll igieghluh ihossu rrabjat. Ghal dawn il-motivi jinhass illi r-rakomandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation ghandha tigi milquha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(b), 263, 278(1), 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **Barry John Grant** hati tal akkuzi

kollha u stante li t-tieni (2) akkuza hija mezz ghall-fini tal-ewwel akkuza, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn (2) flimkien ma' Ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien sentejn (2) u kif ukoll liema ordnijiet ghandhom jiffurmaw parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma jigux obduti.

______________________________________

**Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**